PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
4 ta' Diċembru, 2022

# ID-DRITT GĦALL-ĦAJJA

Il-ħajja ta' kull bniedem hija l-iktar rigal sabiħ u sagru li tana Alla. Ma tagħmilx differenza jekk il-bniedem għadux tarbija f'idejn ommu, raġel mimli bl-għomor jew fetu mhux vijabbli fil-ġuf tal-għażiża ommu.



Sa mill-ewwel mument tal-konċepiment int u jien bdejna proċess li wassalna fejn qegħdin illum: naħdmu, inħobbu, nitħabtu u nżommu relazzjonijiet qaddisa ma' bnedmin oħrajn u mal-Ħallieq, li Hu Sid il-ħajja.

Alla jitgħaxxaq bil-ħajja ta' kull bniedem u jitgħaxxaq bir-rwol sagru u diffiċli li għandha kull omm. Dan l-aħħar kien hemm grupp ta' 80 espert Malti li pproponew li għandu jsir tibdil f'emenda li bħalissa qed tiġi diskussa fil-Parlament. Għamlu dan għax iridu liġi li ddawwal u tfejjaq u mhux "ferita li tferi u tikkundanna", kif qal l-Arċisqof ta' Malta. L-emenda kif kienet ippreżentata, tiftaħ tieqa għall-abort.



Dalwaqt nibdew in-Novena tal-Milied. Qed inħejju biex nilqgħu lil Ġesù tarbija. Inħoss li Ġesù qed jgħidilna, "Jekk tħobbuni tassew bħala l-Bambin, ħobbu lil kull ħlejqa umana li tkun se titwieled".



Kif qiegħda l-emenda għal-liġi bħalissa, ma tissalvagwardjax id-drittijiet invjolabbli tat-tarbija li tkun se titwieled.

Niddefendu l-ħajja għax Alla qalilna, "La toqtolx". Anke r-raġuni umana tal-bniedem li ma jemminx twassal lil dan biex jaċċerta l-valur invjolabbli ta' kull ħajja umana.

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**

**IL-BOOKING TAL-QUDDIES:** minn Jannar sa Ġunju li ġej (2023) se jiftaħ minn nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru. Ejjew fl-Uffiċċju Parrokkjali biex tagħtu t-tagħrif meħtieġ.

**REKLAMAR FIL-*GAZZETTA TAN-NADUR* FL-2023:** Is-sena d-dieħla, jiġifieri fl-2023, dawk li jridu jirreklamaw fil-*Gazzetta tan-Nadur*, għandhom jibagħtu l-materjal sa dawn id-dati, lill-istamperija fuq design@gozopress.com: sal-20 ta' Diċembru 2022, sal-21 ta' Jannar 2023, sal-20 ta' Frar 2023; sal-20 ta' Marzu 2023; sal-20 t'April 2023, sat-22 ta' Mejju 2023; (il-ħarġa ta' Ġunju ma toħroġx); sal-20 ta' Lulju 2023, sal-21 ta' Awwissu 2023; sat-22 ta' Settembru, sal-21 ta' Ottubru; sal-21 ta' Novembru.

**MINISTRI TAL-EWKARISTIJA:** mill-parroċċa tagħna kellna sitt persuni li għamlu kors ta' tħejjija għal Ministru tal-Ewkaristija. Il-persuni attendew għal għaxart ijiem ta' formazzjoni. Dawn kienu Vera Camilleri, Mary Rose Grima, Franġiska Saverja Mizzi, Fabian Buttigieg, Maria Buttigieg u Antonia Sammut. Fin-Novena tal-Milied se nippreżentawhom lill-komunità. Nifirħulhom u nirringrazzjawhom talli offrew ruħhom biex iwasslu l-Ewkaristija lill-morda u l-anzjani.

**TFAL TAL-LEGION:** qed ikun hawn żewġ gruppi oħra taż-żgħar: Praesidium "Madonna tal-Fiduċja" f'Dar l-Imnarja nhar ta' Ħamis fl-4:00pm u ieħor "Sultana tal-Anġli" f'Dar San Pietru Pawl nhar ta' Ħadd fil-10:45am. Ġenituri, ikkoperaw ma' wliedkom bil-kelma t-tajba.

**WIRJA TA' ARTI NATALIZJA *FESTO CHRISTI NATALICO*:** xogħol tal-presepist Naplitan Jusana Hopas u diversi artisti Għawdxin. Se tinfetaħ is-Sibt li ġej, 3 ta' Diċembru fis-7:00pm, ġewwa s-Sala tal-Kunsill.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am